# Il-prattiki ta' taħriġ tajbin

Hawnhekk, min iħarreġ jista' jsib skedi informattivi li jiddeskrivu prattiki tajba fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi. Il-prattiki jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti, minn valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ għall-għoti u l-evalwazzjoni tat-taħriġ.

L-iskedi informattivi jistgħu wkoll jipprovdu spunt għal taħriġ għal ġuristi oħra (persunal tal-qorti, avukati, nutara, marixxalli tal-qorti u medjaturi)

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ

Metodoloġija ta' taħriġ innovattiva

Kurrikuli u pjanijiet ta' taħriġ innovattivi

Għodod ta' taħriġ li jiffavurixxu l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE u l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali

Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-parteċipanti fit-taħriġ / l-effett tal-attivitajiet ta' taħriġ

Prattika "promettenti", prattika "tajba" jew "l-aħjar" prattika

L-eżempji ta' prattiki ta' taħriġ tajbin jappartjenu għal oqsma differenti ta' taħriġ:

- il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ
- kurrikuli u pjanijiet ta' taħriġ innovattivi
- metodoloġija ta' taħriġ innovattiva
- għodod ta' taħriġ li jiffavurixxu l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE u l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali
- valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-parteċipanti fit-taħriġ / l-effett tal-attivitajiet ta' taħriġ.

L-eżempji nġabru bħala parti mill-Proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew propost mill-Parlament Ewropew fl-2012 u eżegwit mill-Kummissjoni Ewropea fl-2013-2014. L-istudju dwar prattiki tajbin ta' taħriġ sar min-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u l-eżempji nġabru minn 23 istituzzjoni ta' taħriġ bħall-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju nazzjonali, l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA), l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) u l-EJTN stess.

Kull skeda informattiva tippreżenta l-karatteristiki ewlenin tal-prattika, id-dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni ta' taħriġ u kull kumment utli ieħor rigward it-trasferibbiltà tal-prattika.

## Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ

| | |
|---|---|
| Analiżi tal-Prattiki tal-Qorti (350 KB) | L-Estonja |
| Proċedura Strutturata għad-Determinazzjoni tal-Bżonnijiet ta' Taħriġ (346 KB) | Ir-Rumanija |
| Analiżi tan-Nuqqasijiet fit-Taħriġ (347 KB) | Il-Belġju |

| | |
|---|---|
| Ivvalutar tal-Ħtiġijiet ta' Taħriġ Reġjonali (348 KB) | Il-Kroazja |
| Il-Ħolqien tal-Profili ta' Kompetenzi għall-Imħallfin u l-Prosekuturi (349 KB) | Il-Polonja |
| Ħtiġijiet ta' Taħriġ, Evalwazzjoni u Valutazzjoni tal-Impatt (440 KB) | L-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) |
| Valutazzjoni Individwali tal-Ħtiġijiet ta' Tagħlim (364 KB) | L-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) |
| Valutazzjoni Parteċipattiva (348 KB) | Franza |

## Kurrikuli u pjanijiet ta' taħriġ innovattivi

| | |
|---|---|
| Ippjanar ta' Kurrikulu ta' Taħriġ Annwali Komprensiv u Orjentat lejn il-Bżonnijiet (350 KB) | Il-Ġermanja |
| L-Għoti ta' Taħriġ lill-Imħallfin u l-Prosekuturi flimkien ma' Professjonijiet Oħrajn (346 KB) | Il-Bulgarija |
| Tagħqid ta' Dixxiplini Differenti fl-Għoti ta' Taħriġ għall-Imħallfin u l-Prosekuturi (349 KB) | L-Italja |
| Tribunali Fittizji Simulati (347 KB) | L-Ungerija |
| Monitoraġġ mill-Qrib ta' Ħiliet ta' Komunikazzjoni, bl-użu tas-Simulazzjoni (364 KB) | Franza |
| Taħriġ fit-Tmexxija u l-Ġestjoni (353 KB) | Franza |
| Taħriġ fit-Tmexxija u l-Ġestjoni (359 KB) | Il-Finlandja |
| Taħriġ fit-Tmexxija u l-Ġestjoni (347 KB) | Il-Belġju |
| Taħriġ fit-Tmexxija u l-Ġestjoni (345 KB) | EIPA |
| Taħriġ fit-Tmexxija u l-Ġestjoni (351 KB) | In-Netherlands |
| Pakkett Komprensiv biex jingħata Taħriġ fuq Skala Kbira dwar Strumenti Legali ġodda (438 KB) | Ir-Rumanija |
| Pakkett Komprensiv biex jingħata Taħriġ fuq Skala Kbira dwar Strumenti Legali ġodda (345 KB) | Franza |
| Pakkett Komprensiv biex jingħata Taħriġ fuq Skala Kbira dwar Strumenti Legali ġodda (347 KB) | L-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) |
| Twettiq Konġunt ta' Programmi ta' Taħriġ fi Sħubiji Mhux tas-Soltu (347 KB) | Il-Portugall |
| L-Għoti Konġunt ta' Programmi ta' Taħriġ ma' Istitut ta' Riċerka Estern (348 KB) | Il-Polonja |
| Mentors tal-Qorti (350 KB) | Il-Bulgarija |
| Mentors tal-Qorti (392 KB) | In-Netherlands |

## Metodoloġija ta' taħriġ innovattiva

| | |
|---|---|
| Strateġija Komprensiva ta' Tagħlim Elettroniku Onlajn (347 KB) | Il-Bulgarija |
| Tagħlim elettroniku mħallat (349 KB) | In-Netherlands |
| Tagħlim elettroniku mħallat (365 KB) | Spanja |
| Approċċ Komprensiv, Pluridimensjonali għat-Taħriġ fil-Liġi tal-UE (353 KB) | Il-Bulgarija |
| Reġistrazzjoni, Xandir, Podcasting Onlajn, Reġistrazzjoni u Traskrizzjoni ta' Attivitajiet ta' Taħriġ u d-Disponibilità tagħhom fuq l-Internet (346 KB) | Ir-Rumanija |
| Indirizz elettroniku u Vidjokonferenzi (345 KB) | Il-Portugall |
| Studju ta' Każ Reali, Żviluppat f'Ħin Reali, permezz tal-Użu ta' Vidjokonferenzi (347 KB) | Spanja |
| Reklutaġġ ta' Ħarrieġa u Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Ħarrieġa (265 KB) | Ir-Rumanija |
| Organizzazzjoni ta' Taħriġ Deċentralizzat biex Jirrifletti l-Ħtiġijiet u l-Kwistjonijiet ta' Taħriġ Lokali (257 KB) | Il-Bulgarija |

| | |
|---|---|
| Organizzazzjoni ta’ Taħriġ Deċentralizzat biex Jirrifletti l-Ħtiġijiet u l-Kwistjonijiet ta’ Taħriġ Lokali (388 KB) | Ir-Rumanija |
| Organizzazzjoni ta’ Taħriġ Deċentralizzat biex Jirrifletti l-Ħtiġijiet u l-Kwistjonijiet ta’ Taħriġ Lokali (349 KB) | Franza |
| Gruppi żgħar – Kitba ta' Deċiżjonijiet (349 KB) | In-Netherlands |
| Awtoriflessjoni dwar il-Kitba ta' Deċiżjonijiet (347 KB) | L-Estonja |
| L-Imħallef fis-Soċjetà: Deontoloġija, Etika u Relazzjonijiet mal-Mezzi tax-Xandir (352 KB) | Spanja |
| Awtoriflessjoni fir-rigward tal-Ħiliet fil-Komunikazzjoni (257 KB) | L-Estonja |
| Komunikazzjoni fuq il-Mezzi tax-Xandir – Taħriġ Interattiv u Fuq Diversi Livelli dwar il-Mezzi tax-Xandir (262 KB) | Il-Ġermanja |

## Għodod ta' taħriġ li jiffavurixxu l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE u l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali

| | |
|---|---|
| Aċċess għal-Liġi tal-UE permezz ta' Mezzi Elettroniċi (251 KB) | Il-Portugall |
| Approċċ Komprensiv, Multidimensjonali għat-Taħriġ fil-Liġi tal-UE u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (Mudell Eurinfra) (370 KB) | In-Netherlands |
| GAIUS: żieda tal-għarfien tal-liġi tal-UE għall-imħallfin (349 KB) | L-Italja |
| Tagħqid tat-Taħriġ fil-Liġi tal-UE u l-Kooperazzjoni Internazzjonali mat-Taħriġ fil-Lingwaġġ Ġuridiku (284 KB) | Spanja |
| Tagħqid tat-Taħriġ fil-Liġi tal-UE u l-Kooperazzjoni Internazzjonali mat-Taħriġ fil-Lingwaġġ Ġuridiku (261 KB) | L-Ungerija (il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja) |
| Il-Ħolqien Kontinwu ta' Networks (Reali u Virtwali) (259 KB) | Ir-Rumanija |
| Il-Kompetizzjoni THEMIS (347 KB) | Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) |
| Ġustizzja Kriminali I – Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fi Kwistjonijiet Kriminali - "Simulazzjonijiet tal-EAW u tal-MLA" (261 KB) | Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) |
| "Tagħlim bil-prattika" filwaqt li Jiżdied l-Għarfien fil-Qasam tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja u tal-Liġi Nazzjonali ta' Stati Membri oħra tal-UE (261 KB) | Il-Ġermanja |
| L-Iżvilupp ta' Materjali għat-Taħriġ fil-Liġi tal-UE fil-Livell Pan-Ewropew bil-Ħsieb li, Sussegwentement, Jiġu Inkorporati fil-Livell Nazzjonali (270 KB) | L-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) |
| L-Iżgurar tal-Viżibbiltà tal-Kontenut tal-Liġi tal-UE fil-Korsijiet tal-Liġi Domestika (350 KB) | In-Netherlands |

## Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-parteċipanti fit-taħriġ / l-effett tal-attivitajiet ta’ taħriġ

| | |
|---|---|
| Ir-Relatur (346 KB) | Il-Belġju |
| “Uri Dak li Tgħallimt” (351 KB) | In-Netherlands |
| Valutazzjoni fit-Tul tal-Attivitajiet ta’ Taħriġ (350 KB) | Il-Ġermanja |
| Sistema ta' Evalwazzjoni u ta' Valutazzjoni tal-Impatt (347 KB) | L-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) |
| Evalwazzjoni wara t-taħriġ (359 KB) | L-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) |

## Prattika "promettenti", prattika "tajba" jew "l-aħjar" prattika

Il-prattiki ta' taħriġ ippreżentati f'din it-taqsima huma identifikati bħala "promettenti", "tajbin", "l-aħjar" jew "mhux ikklassifikati" skont il-kriterji definiti mill-EJTN fit-twettiq tal-istudju.

Prattika li tkun l-aħjar prattika tkun programm ta' taħriġ jew strateġija bl-ogħla grad ta' effikaċja ppruvata

appoġġat minn riċerka u evalwazzjoni oġġettivi u komprensivi.

Prattika tajba tkun programm jew strateġija li tkun ħadmet f'organizzazzjoni waħda jew iktar u li turi li hemm ċans tajjeb li ssir l-aħjar prattika, peress li jkollha bażi oġġettiva biex issostni l-effikaċja tagħha u potenzjal għal replikazzjoni f'organizzazzjonijiet oħrajn.

Prattika (xi kultant sperimentali biss) promettenti fit-taħriġ ġudizzjarju tkun prattika b'tal-inqas evidenza preliminari tal-effikaċja tagħha jew li jkollha potenzjal għall-ġenerazzjoni tad-dejta li tkun utli għad-determinazzjoni ta' kemm tkun promettenti li ssir prattika tajba jew l-aħjar prattika, biex tiġi ttrasferita lejn ambjenti ta' taħriġ ġudizzjarju iktar varjat.

Prattika effikaċi tkun potenzjalment trasferibbli kullimkien jew kompletament jew f'format adattat, skont iċ-ċirkostanzi.

Xi prattiki ma jkunux ikklassifikati peress li jkunu dehru li kienu interessanti imma ma kienx hemm dejta disponibbli biex jiġu kklassifikati skont il-kriterji deskritti fuq.

---

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.